IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2025
COM(2025) 990 final

2025/0418 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT

MT

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-objettiv li l-Unjoni Ewropea ssir newtrali għall-klima sal-2050. Fl-2025, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet mira ta’ tnaqqis ta’ 90 % fl-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gas) sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira proposta tqis bis-sħiħ ix-xenarju ekonomiku, tas-sigurtà u ġeopolitiku kurrenti f’konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE[3], u mal-Patt għal Industrija Nadifa[4]. Hija għandha l-għan li tipprovdi l-prevedibbiltà u l-istabbiltà neċessarji għall-investimenti fit-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija nadifa u biex tiġi xprunata l-kompetittività industrijali.

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (id-“Direttiva EU ETS”, EU Emissions Trading System) għadha strument ċentrali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra industrijali permezz tal-ipprezzar tal-karbonju u t-tnaqqis gradwali tal-limitu massimu ta’ emissjonijiet għall-Unjoni kollha. Ir-Regolament (UE) 2023/956 li jistabbilixxi Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) jikkomplementa dan il-qafas billi jindirizza r-riskju ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju relatat mal-importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti ta’ intensità għolja fl-Unjoni.

Hekk kif l-eliminazzjoni gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas skont l-EU ETS tavvanza bejn l-2026 u l-2034, ir-riskji ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jibqgħu hemm f’ċerti każijiet u għal ċerti oġġetti. Dan ir-riskju li jifdal ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jista’ jnaqqas l-effettività ambjentali tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima jekk it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-Unjoni jwassal għal żieda ogħla tal-emissjonijiet barra mill-Unjoni.

Din il-proposta leġiżlattiva tistabbilixxi fond tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ finanzjarju mmirat għall-industriji intensivi fl-enerġija skoperti għal riskju akbar li jifdal ta’ rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Fond jappoġġa t-tranżizzjoni tal-industrija tal-Unjoni lejn proċessi tal-produzzjoni newtrali għall-klima, u b’hekk inaqqas l-iskopertura tagħha għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u jgħin biex tinżamm l-integrità ambjentali tal-EU ETS billi jiżgura li l-ipprezzar tal-karbonju jwassal għal tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet reali. L-appoġġ mogħti mill-Fond se jkun kondizzjonali fuq l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni.

B’hekk, il-Fond jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Artikolu 191 tat-TFUE, b’mod partikolari l-prevenzjoni tal-ħsara ambjentali u l-promozzjoni ta’ miżuri fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati problemi ambjentali transfruntiera bħat-tibdil fil-klima.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat

Il-proposta tikkomplementa l-oqfsa tal-EU ETS u tas-CBAM. Hija ma tbiddilx iżda tikkomplementa l-mekkaniżmi stabbiliti minn dawk l-istrumenti billi tipprovdi miżura finanzjarja mmirata u tranżizzjonali li tindirizza ċerti riskji sakemm tinstab is-soluzzjoni fit-tul li se tinstab fil-proposta għal reviżjoni tal-EU ETS fl-2026. Il-proposta hija limitata fil-kamp ta’ applikazzjoni u fiż-żmien biex jiġi evitat it-trikkib mal-proposta għar-reviżjoni tal-EU ETS ippjanata għall-2026, u biex tiġi żgurata d-dixxiplina baġitarja.

Hija konsistenti wkoll mal-objettivi ta' fondi oħra tal-Unjoni, bħall-Fond għall-Innovazzjoni u għall-Fond Soċjali għall-Klima, li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni fl-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-rekwiżiti amministrattivi, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar, għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-infurzar korrett u tal-monitoraġġ xieraq tal-leġiżlazzjoni. Ġeneralment, il-kostijiet tagħhom huma fil-biċċa l-kbira kkumpensati mill-benefiċċji li jġibu magħhom. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' rapportar jistgħu jimponu wkoll piżijiet sproporzjonati fuq il-partijiet ikkonċernati, li jaffettwaw b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-mikrokumpaniji.

Il-Kummissjoni stabbiliet aġenda ta' simplifikazzjoni f'diversi mill-Komunikazzjonijiet tagħha fl-2025[1] wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' Draghi. Il-Kummissjoni qed twettaq sforz ta' simplifikazzjoni bla preċedent biex tilħaq l-objettivi ta' politika miftiehma bl-aktar mod sempliċi, immirat, l-aktar effettiv u l-inqas ta' piż.

Din il-proposta hija konsistenti mal-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Unjoni u mal-impenn li tnaqqas il-piż amministrattiv mhux neċessarju għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-benefiċjarji. L-istruttura ta' governanza u maniġerjali tal-Fond hija mfassla biex tnaqqas id-duplikazzjoni mal-istrumenti eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-EU ETS, u biex tagħmel użu sħiħ mill-kapaċitajiet amministrattivi eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Hija tirrazzjonalizza wkoll il-proċeduri billi tibbaża fuq sejħa unika għall-applikazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, il-proposta hija mfassla biex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (ir-"Regolament Finanzjarju")[2]. Il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) se jkollhom is-setgħat li jeżerċitaw il-kompetenzi investigattivi u ta' prosekuzzjoni rispettivi tagħhom fir-rigward tal-użu tar-riżorsi tal-Fond.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. F'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Unjoni tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu, fost l-oħrajn, tal-objettivi li ġejjin: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu ttrattati problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-proposta ssegwi dawn l-objettivi ambjentali billi tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni, tipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u b'hekk tiżgura l-effettività ambjentali tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima.

Il-proposta hija bbażata wkoll fuq l-Artikolu 322(1) tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi legali għall-adozzjoni tar-regoli finanzjarji li jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni u għall-kontroll tal-implimentazzjoni baġitarja. Peress li

---
1 Ara, b'mod partikolari, il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final.
2 ĠU L, 2024/2509, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

l-proposta tistabbilixxi regoli dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-kontroll ta' fond tal-Unjoni, l-inklużjoni tal-Artikolu 322(1) tat-TFUE hija xierqa.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Biex ir-riskji msemmija hawn fuq jiġu indirizzati b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni fil-livell tal-Unjoni. Miżuri fil-livell nazzjonali jistgħu jwasslu għal appoġġ mhux koordinat madwar l-Unjoni, u b'hekk iwasslu għal distorsjonijiet fis-suq intern u jdgħajfu l-effettività ġenerali tal-EU ETS.

- **Proporzjonalità**

Minħabba n-natura transfruntiera tal-azzjoni klimatika u l-ħtieġa ta' rispons konsistenti tal-Unjoni, il-proposta hija proporzjonata għall-objettiv li qed issegwi. Hija tintroduċi mekkaniżmu ta' appoġġ limitat u mmirat mill-Unjoni maħsub biss biex isegwi l-objettivi msemmija hawn fuq. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tiġi ssalvagwardjata l-integrità ambjentali tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u biex jiġi żgurat li t-tnaqqis fl-emissjonijiet miksub fl-Unjoni ma jiġix ikkumpensat miż-żidiet f'pajjiżi terzi. Il-kamp ta' applikazzjoni huwa ristrett għas-setturi koperti mir-Regolament CBAM. L-appoġġ huwa kkundizzjonat fuq proġetti li juru kontribut ċar għad-dekarbonizzazzjoni industrijali. Il-pakkett finanzjarju huwa limitat u marbut ma' baġit limitat fir-rigward tad-dħul mis-CBAM, li jiżgura d-dixxiplina baġitarja. Il-proposta tibbaża wkoll fuq l-istrutturi amministrattivi u l-arranġamenti ta' monitoraġġ eżistenti, u b'hekk iżżomm il-piż amministrattiv għall-minimu neċessarju għall-partijiet kollha (il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kumpaniji tal-UE).

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-aktar strument xieraq biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-iskema ta' appoġġ fl-Istati Membri kollha u biex jiġu pprevenuti approċċi nazzjonali diverġenti li jistgħu jimminaw il-funzjonament koerenti tal-EU ETS. Regolament jistabbilixxi regoli applikabbli direttament dwar l-eliġibbiltà, il-finanzjament, il-governanza u l-monitoraġġ, u b'hekk jiżgura ċ-ċertezza legali kemm għall-Istati Membri bħala benefiċjarji kif ukoll għall-operaturi bħala benefiċjarji finali, filwaqt li strumenti alternattivi bħal rakkomandazzjonijiet jew direttivi ma jipprovdux il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni jew ta' puntwalità.

Barra minn hekk, l-għanijiet segwiti minn din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu permezz tal-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni fin-nuqqas ta' bażi legali xierqa biex tittieħed azzjoni.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta tibbaża fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-EU ETS u tas-CBAM.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lir-rappreżentanti tal-industrija dwar il-pjan għal miżura ta' appoġġ qabel il-proposta, inkluż permezz ta' djalogu ta' livell għoli. Permezz tal-attivitajiet

ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet ikkonċernati dwar il-miżura ta' appoġġ ippjanata, inklużi pjanijiet għat-tfassil ġenerali tagħha u riflessjonijiet dwar l-eliġibbiltà għall-appoġġ u l-kundizzjonijiet li jkun jeħtieġ li jiġu ssodisfati biex jirċevuh.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta ġiet elaborata wara proċess ta' skrutinju intern tad-dispożizzjonijiet u tal-istrumenti eżistenti. Hija bbażata fuq l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-EU ETS.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn dokument analitiku, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD, Staff Working Document) li jakkumpanja l-proposta[3]. Dan id-dokument analitiku jiddeskrivi kif l-eliġibbiltà għall-appoġġ temporanju propost għall-investiment fid-dekarbonizzazzjoni kienet immirata b'mod preċiż lejn il-produzzjoni ta' oġġetti b'livell ogħla ta' riskji li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, sabiex tkun proporzjonata u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, l-SWD janalizza l-kundizzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni li jillimitaw il-piż amministrattiv tal-miżura l-ġdida, inkluż billi jikkapitalizzaw fuq l-infrastruttura amministrattiva diġà eżistenti u fuq id-data rrapportata għall-fini ta' allokazzjoni bla ħlas skont l-EU ETS.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Kif imsemmi hawn fuq, il-proposta hija allinjata bis-sħiħ mal-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni. Billi tevita piż mhux neċessarju, il-proposta tirrifletti n-natura temporanja u l-ambitu limitat tal-appoġġ. Għalhekk, tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aktar effiċjenti, għal aktar ċarezza legali u għal tnaqqis fil-kostijiet tal-konformità, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Il-proposta hija konsistenti mal-objettivi tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT, Regulatory Fitness and Performance Programme) tal-Kummissjoni. Din tfasslet biex timminimizza l-piż regolatorju billi tuża strutturi eżistenti kull fejn possibbli, inklużi dawk tal-EU ETS. Hija ma toħloq l-ebda struttura jew korp amministrattiv permanenti ġdid. Għalhekk, il-proposta ttejjeb il-koerenza regolatorja, issaħħaħ l-effettività ambjentali, u tillimita l-kostijiet amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-benefiċjarji.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, hija tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Fond se jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri. Kull kontribuzzjoni se tikkorrispondi għal 25 % tad-dħul li l-Istat Membru jkun ġabar mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-

[3] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta għal Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni.

CBAM lid-dikjaranti awtorizzati tas-CBAM stabbiliti fit-territorju tiegħu mill-1 ta' Frar 2027. Dan jaqbel mas-sehem li l-Istati Membri se jżommu u huwa mingħajr preġudizzju għall-proposta tal-Kummissjoni li tittratta 75 % tad-dħul mis-CBAM bħala Riżorsa Proprja ġdida tal-baġit tal-Unjoni[4]. Għalhekk, dan l-arranġament huwa kompatibbli mal-proċess leġiżlattiv li għaddej dwar ir-Riżorsi Proprji.

Il-Fond se jiġi implimentat f'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Ir-riżorsi mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri se jkopru l-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-Fond. L-impatt ta' din il-proposta fuq il-baġit tal-Unjoni huwa vvalutat fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva li takkumpanja din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-Fond se tkun soġġetta għal monitoraġġ biex jiġi żgurat li dan jilħaq l-objettivi ambjentali maħsuba tiegħu u jopera f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Kummissjoni se tiġbor u tanalizza d-data pprovduta mill-Istati Membri u mill-benefiċjarji dwar l-applikazzjonijiet u l-iżborż tal-fondi għal kull Stat Membru, settur, oġġett u installazzjoni, kif ukoll il-konformità mar-rekwiżiti għall-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni. Il-Kummissjoni se tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli dwar il-monitoraġġ biex tiġi żgurata l-konsistenza madwar l-Unjoni. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju u mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Unjoni, ir-riżultati tal-monitoraġġ se jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni tal-Fond li l-Kummissjoni se tippreżenta lill-Kunsill tal-UE u lill-Parlament Ewropew.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn kull waħda mid-dispożizzjonijiet ewlenin tal-proposta.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-Fond u jispeċifika l-perjodu li għalih se jipprovdi appoġġ finanzjarju.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-definizzjonijiet rilevanti użati fir-Regolament għaċ-ċertezza legali u biex tiġi żgurata l-konsistenza.

L-Artikolu 3 jispeċifika li l-Fond għandu jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, u li dawn il-kontribuzzjonijiet se jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul mis-CBAM miġbur mill-Istati Membri meta jbigħu ċ-ċertifikati tas-CBAM lid-dikjaranti awtorizzati tas-CBAM skont l-Artikolu 20 tar-Regolament CBAM. Klawżola ta' telf impost tillimita l-użu tad-dħul għall-ħtiġijiet ta' finanzjament attwali tal-Fond.

[4] COM(2025)574. Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0574

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-istruttura ta' governanza tal-Fond. Dan jistipula li l-Kummissjoni għandha timplimenta l-Fond, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni konsistenti fl-Unjoni. Huwa jiddeskrivi wkoll il-kontenut u jistabbilixxi l-iskadenza tar-rieżami tal-Fond mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 5 jipprevedi n-nomina tal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżura fil-livell nazzjonali.

L-Artikolu 6 jiddefinixxi liema oġġetti għandhom jibbenefikaw mill-appoġġ. Dan jillimita l-eliġibbiltà għall-produzzjoni ta' oġġetti speċifiċi soġġetti għal riskju akbar li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Huwa jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-produzzjoni ta' oġġetti oħra tkun eliġibbli għall-appoġġ.

L-Artikolu 7 jiddeskrivi t-tipi ta' attivitajiet ta' dekarbonizzazzjoni li operatur eliġibbli se jkun meħtieġ iwettaq sabiex jirċievi appoġġ, bħal investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

L-Artikoli 8 u 9 jipprevedu r-regoli u l-proċeduri li bihom se jingħata l-appoġġ. Huwa jistabbilixxi wkoll id-dmirijiet u r-regoli li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, inkluż kif għandhom jikkalkolaw l-appoġġ għal kull benefiċjarju finali.

L-Artikoli 10 u 11 jipprevedu d-dmirijiet u r-regoli li għandhom jiġu applikati mill-Kummissjoni fir-rieżami tal-informazzjoni u tal-kalkoli pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż dwar id-deċiżjoni li jiġi żborżat l-appoġġ.

L-Artikolu 12 jiżgura li l-Fond ikun soġġett għas-salvagwardji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. Huwa jikkonferma l-kompetenzi tal-Kummissjoni, tal-OLAF, tal-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, tal-UPPE biex iwettqu awditi, investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet.

L-Artikolu 13 jipprevedi r-regoli li għandhom jiġu applikati mill-benefiċjarji tal-appoġġ.

L-Artikolu 14 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tissupplimenta jew temenda elementi mhux essenzjali tar-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dettaljati ta' eliġibbiltà, tal-metodoloġiji tekniċi, u tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' verifika, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE.

L-Artikolu 15 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Dawn l-atti jiddefinixxu r-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni u l-governanza tal-Fond, l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-kontroll.

L-Artikolu 16 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ u ż-żmien tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

2025/0418 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 322(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

Billi:

(1) L-Unjoni hija impenjata li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 u li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew[4] u mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[5]. Il-Patt għal Industrija Nadifa, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2025[6], jissottolinja l-ħtieġa li l-kompetittività industrijali tiġi allinjata mal-ambizzjoni klimatika, filwaqt li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima tkun kemm ġusta kif ukoll ekonomikament reżiljenti.

(2) L-objettivi ambjentali tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 191 tat-Trattat, jinkludu l-preservazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali globali. Dawn jiġu segwiti fost affarijiet oħra permezz ta' strumenti tal-ipprezzar tal-karbonju, bħas-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ("EU ETS", EU Emission Trading

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' […] u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' […].

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

5 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: ttp://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final.

System) stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE[7]. Fejn is-sħab internazzjonali tal-Unjoni jkollhom approċċi ta' politika li jkunu konsiderevolment aktar baxxi mil-livell tal-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni, il-produzzjoni f'pajjiżi terzi ma tkunx soġġetta għal restrizzjonijiet komparabbli fuq l-emissjonijiet tal-karbonju. Din l-asimetrija tirriskja li tinċentiva r-rilokazzjoni tal-produzzjoni ta' oġġetti b'intensità qawwija ta' karbonju – fenomenu magħruf bħala rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju – li jimmina il-kisba tal-objettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE. Tali rilokazzjoni tista' finalment twassal għal żieda ġenerali fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra, u b'hekk tikkomprometti l-integrità ambjentali u l-effettività tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima.

(3) Il-Patt għal Industrija Nadifa jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju, ta' prevedibbiltà regolatorja, u ta' innovazzjoni biex l-industriji intensivi fl-enerġija jkunu jistgħu jiddekarbonizzaw mingħajr ma jikkompromettu l-kompetittività tagħhom, b'mod partikolari f'setturi skoperti għar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tikkostitwixxi objettiv ambjentali marbut direttament mal-effettività tal-istrumenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li fuqhom hija bbażata l-politika tal-Unjoni dwar il-klima. L-appoġġ finanzjarju mmirat jista' jgħin biex jiġi żgurat li t-tnaqqis tal-emissjonijiet jinkiseb fl-Unjoni permezz tad-dekarbonizzazzjoni tal-attività industrijali, pjuttost milli r-rilokazzjoni lejn ġuriżdizzjonijiet b'rekwiżiti ambjentali aktar baxxi li jwasslu għal riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

(4) L-industriji intensivi fl-enerġija koperti mid-Direttiva 2003/87/KE jinternalizzaw progressivament il-kost tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom. Il-limitu massimu mnaqqas tal-emissjonijiet għall-Unjoni kollha, flimkien mal-eliminazzjoni gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas prevista f'dik id-Direttiva, jirrikjedi adattamenti kostintensivi u rapidi mill-industriji koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir. Dak ir-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ma huwiex kompletament ipprevenut mir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u, għalhekk, jenħtieġ li jiġi indirizzat permezz ta' miżuri addizzjonali li jappoġġaw it-tranżizzjoni u jippromwovu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali.

(5) Biex tiġi inċentivata l-azzjoni ta' dekarbonizzazzjoni industrijali, huwa xieraq li jiġi stabbilit strument ta' finanzjament tal-Unjoni, il-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni (il-"Fond"), li jipprovdi appoġġ finanzjarju temporanju lill-operaturi f'setturi b'intensità qawwija ta' karbonju li huma soġġetti għar-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, u b'hekk jiġi żgurat li l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fl-Unjoni jiġu ppreservati u li l-inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jibqgħu effettivi. Jenħtieġ li tali appoġġ ikun strettament limitat għal dak li huwa neċessarju biex jiġi mmitigat dak ir-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, ikun proporzjonat, u jkun kondizzjonali fuq progress dimostrabbli fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

---

[7] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

[8] Ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj).

(6) Id-dħul iġġenerat mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM skont ir-Regolament (UE) 2023/956 se jinġabar mill-Istati Membri. Bħala parti mill-proposta tagħha għal Deċiżjoni ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji[9], il-Kummissjoni pproponiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss 2028-2034 li 75 % tad-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM jenħtieġ li jakkumula għall-baġit tal-UE bħala riżorsa proprja[10]. Sabiex jiġi żgurat il-finanzjament neċessarju, jenħtieġ li l-Fond jiġi ffinanzjat mill-25 % li jifdal tad-dħul mill-bejgħ taċ-ċertifikati, li jenħtieġ li jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-iskop li jiġu koperti l-impenji biex jitħallas l-appoġġ finanzjarju lill-benefiċjarji finali tal-Fond, u l-kostijiet amministrattivi tal-Kummissjoni li se jiġġarrbu fil-ġestjoni tal-Fond. Huwa neċessarju li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] biex jiġi allokat lill-Fond is-sehem xieraq tad-dħul iġġenerat mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM skont ir-Regolament (UE) 2023/956 bħala dħul assenjat estern.

(7) Jenħtieġ li r-riżorsi tal-Fond jintużaw biss biex ikopru l-impenji biex jitħallas l-appoġġ finanzjarju lill-benefiċjarji finali u l-kostijiet amministrattivi tal-Fond. Jenħtieġ li kwalunkwe dħul li ma jintużax jiġi rritornat lill-Istati Membri b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjoni tagħhom għall-Fond. Għal dan l-għan, huwa neċessarju li tiġi prevista deroga mill-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

(8) Jenħtieġ li l-Fond jipprovdi appoġġ finanzjarju fis-snin 2028 u 2029 lill-benefiċjarji finali biex jindirizzaw l-iskopertura tagħhom għar-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, determinabbli abbażi tal-perjodu ta' referenza ta' sentejn tal-produzzjoni 2026–2027. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u li jiġu indirizzati r-riskji li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-fatt li d-dħul mis-CBAM se jsir disponibbli biss fl-2028, huwa xieraq li l-appoġġ skont dan ir-Regolament ikun jista' jkopri azzjonijiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2024/2509. Tali eliġibbiltà retroattiva hija strettament limitata għal azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali ta' dan ir-Regolament.

(9) Billi jillimita l-perjodu ta' appoġġ inizjali għal sentejn, jenħtieġ li l-Fond jipprovdi appoġġ għal terminu qasir sakemm isir rieżami komprensiv ta' kif l-aħjar li tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-2028 'il quddiem, fil-kuntest tar-rieżami skedat tal-EU ETS. Il-karattru tranżitorju tal-Fond jipprekludi kwalunkwe interpretazzjoni li huwa jista' jikkostitwixxi bħala preċedent, mudell jew punt ta' referenza għar-rieżami tal-EU ETS. Għaldaqstant, l-eżistenza, l-operat jew il-waqfien tal-Fond ma għandhom joħolqu l-ebda aspettattiva, legali jew mod ieħor, rigward ir-rieżami tal-EU ETS.

(10) Minħabba n-natura temporanja tal-Fond, jenħtieġ li l-governanza tiegħu tkun kosteffiċjenti u timminimizza sa fejn ikun possibbli l-piż amministrattiv kemm għall-benefiċjarji finali tal-appoġġ finanzjarju kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti tal-

[9] Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053(COM/2025/574 final).

[10] Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053(COM/2025/574 final).

[11] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi prevista sejħa unika għall-applikazzjonijiet fl-2028 għall-perjodu ta' referenza tal-produzzjoni 2026-2027.

(11) Sabiex tkun tista' ssir proċedura razzjonalizzata u effiċjenti, jenħtieġ li l-Fond jiġi implimentat b'modalità ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12]. Jenħtieġ li dan l-approċċ jingrana r-relazzjonijiet stabbiliti bejn l-Istati Membri u l-operaturi, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet lokali u l-arranġamenti eżistenti, biex jiżgura kemm il-validazzjoni f'waqtha tal-applikazzjonijiet kif ukoll il-pagament effiċjenti tal-appoġġ finanzjarju lill-benefiċjarji finali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-iskadenza tal-applikazzjonijiet kif ukoll id-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi jiġu allinjati mal-obbligi li l-operaturi li jirċievu allokazzjoni bla ħlas diġà għandhom skont l-Artikoli 22a u 22b tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331[13] u l-Artikoli 3 u 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842[14].

(12) Jenħtieġ li l-Fond jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-objettiv ta' dekarbonizzazzjoni billi jipprovdi appoġġ lill-operaturi ta' installazzjonijiet tal-EU ETS li jipproduċu oġġetti skoperti għall-ogħla riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir. Jenħtieġ li dawk l-oġġetti jintgħażlu b'kont meħud kemm tal-emissjonijiet kif ukoll tal-iskopertura tagħhom għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, billi jintuża l-approċċ segwit biex tiġi ddeterminata l-lista ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-EU ETS bħala punt tat-tluq u billi l-miżura tiġi mmirata lejn dawk l-oġġetti li jibqgħu l-aktar f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju abbażi ta' indikatur oġġettiv.

(13) L-iskopertura għar-riskju ta' oġġetti bi proporzjon baxx ta' valur għall-piż tista' tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Biex jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' oġġetti bi proporzjon baxx ta' valur għall-piż fir-rigward tar-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva. Filwaqt li l-oġġetti indikati fl-Anness juru skopertura partikolarment għolja għall-Unjoni kollha, dan il-mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva jenħtieġ li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi nazzjonali. Jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmu ta' inklużjoni fakultattiva li jippermetti lill-Istati Membri jissottomettu ċerti kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ("kodiċijiet NM") f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[15] għall-miżura proposta, dment li jkunu jistgħu juru li l-kriterji għall-għażla li ntużaw għad-definizzjoni tal-oġġetti indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament ikunu ssodisfati fil-livell nazzjonali.

---

12 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

13 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).

14 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività (ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1842/oj).

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

(14) Biex jiġi żgurat li l-effett tal-appoġġ finanzjarju jkun li jinċentiva t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jenħtieġ li dak l-appoġġ ikun soġġett għal kundizzjonijiet oġġettivi, mhux diskriminatorji u stabbiliti minn qabel. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet jibnu fuq il-qafas amministrattiv eżistenti stabbilit għall-allokazzjoni bla ħlas skont l-EU ETS. Biex il-kundizzjonijiet jiġu allinjati mal-proċedura eżistenti ta' applikazzjoni għall-allokazzjoni bla ħlas, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jkun kontinġenti fuq il-wiri tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-awditi tal-enerġija jew f'miżuri ekwivalenti jew ta' impenn legali magħmul għall-investimenti biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi intermedji msemmija fi pjan għan-newtralità klimatika. Biex ikun jista' jsir l-aktar tnaqqis effettiv u kosteffiċjenti tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-benefiċjarji jkollhom l-għażla li jinvestu l-appoġġ tagħhom fi proġetti li jkunu l-aktar adatti għas-sitwazzjoni individwali tagħhom.

(15) Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-appoġġ finanzjarju. Jenħtieġ li dak il-kalkolu jqis il-medja annwali tal-prezzijiet tal-għeluq tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-EU ETS fuq il-pjattaforma tal-irkant għas-snin 2026 u 2027 peress li dawk is-snin huma s-snin ta' referenza li għalihom jingħata l-appoġġ u jirriflettu aħjar il-kost tal-indirizzar tar-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Wara l-kalkoli, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-Kummissjoni b'lista li tidentifika l-benefiċjarji kollha u l-appoġġ finanzjarju kkalkolat rispettiv tagħhom.

(16) Ladarba tkun ivverifikat il-kalkoli pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni li tistabbilixxi l-ammont allokat lil kull Stat Membru li tispeċifika l-ammonti pagabbli lil kull benefiċjarju finali fl-Istat Membru. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi impenn legali fir-rigward tal-benefiċjarji finali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2590 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16]. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżborża lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-ammont allokat lil kull Stat Membru, li jikkorrispondi għall-appoġġ finanzjarju mogħti lill-benefiċjarji finali f'dak l-Istat Membru. Imbagħad, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżborżaw l-appoġġ fil-ħin lill-benefiċjarji finali rispettivi tagħhom.

(17) Biex jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u irregolaritajiet oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude) ikollhom is-setgħat mogħtija lilhom mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 biex iwettqu awditi u investigazzjonijiet dwar l-użu ta' fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament. Għall-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa

[16] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

[17] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[18], jenħtieġ li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jinvestiga u jipprosegwixxi reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(18) Sabiex jiġu ssupplimentati l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat biex tistabbilixxi r-regoli fir-rigward tal-kalkolu u tal-ġbir tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għar-riżorsi assenjati lill-Fond, l-implimentazzjoni tal-Fond, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' monitoraġġ, u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-oġġetti li jkollhom proporzjon baxx ta' valur għall-piż u li jkunu soġġetti għal riskju akbar li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell nazzjonali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(19) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi regoli fir-rigward tar-rekwiżiti proċedurali u tal-prova li għandhom jiġu ppreżentati mill-applikanti, tal-proċedura ta' applikazzjoni u tar-responsabbiltajiet u tal-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar tal-benefiċjarji finali.

(20) Jenħtieġ li s-setgħat li jikkonċernaw ir-rekwiżiti proċedurali u l-prova li għandha tiġi ppreżentata mill-applikanti, il-proċedura ta' applikazzjoni u r-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' monitoraġġ tal-benefiċjarji finali jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20]. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni.

(21) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament biex jiġu indirizzati r-riskji li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri b'mod konsistenti iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni biex jiġu evitati appoġġ mhux koordinat fl-Unjoni u, b'hekk, distorsjonijiet fis-suq intern u dgħajfien tal-effettività ġenerali tal-EU ETS, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

---

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

19 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

20 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni (il-"Fond") u jistabbilixxi l-governanza tiegħu, ir-regoli finanzjarji għall-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi tiegħu, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tiegħu.

2. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju fil-perjodu 2028-2029 biex jindirizza r-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju assoċjat ma' oġġetti b'intensità qawwija ta' karbonju prodotti minn operaturi eliġibbli ta' installazzjonijiet fil-perjodu 2026-2027.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "installazzjoni" tfisser installazzjoni kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (e), tad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) "operatur" tfisser kwalunkwe persuna kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (f) tad-Direttiva 2003/87/KE li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tal-istess Direttiva u tipproduċi oġġetti kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/956;

(c) "oġġett eliġibbli" tfisser kwalunkwe wieħed mill-oġġetti elenkati fl-Anness;

(d) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità nominata minn Stat Membru f'konformita mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE;

(e) "benefiċjarju finali" tfisser operatur li jirċievi appoġġ finanzjarju skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Riżorsi tal-Fond**

1. Il-Fond għandu jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri.

2. Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul li kull Stat Membru jkun ġabar mill-bejgħ taċ-ċertifikati tas-CBAM skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-emissjonijiet integrati ddikjarati għall-2026 u għall-2027.

3. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-ammonti annwali eżatti li għandu jikkontribwixxi għall-Fond għas-snin 2026 u 2027 rispettivament sal-31 ta' Diċembru 2027 u sal-31 ta' Diċembru 2028. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu lill-Fond ammont monetarju li jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu rispettivament sal-31 ta' Marzu 2028 u sal-31 ta' Marzu 2029. L-ammonti kkontribwiti għandhom ikunu dħul assenjat lill-Fond f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. B'deroga minn dik id-dispożizzjoni, l-ammonti li jiġu kkontribwiti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern.

4. Id-dħul li jifdal wara l-iżborż sħiħ tal-finanzjament lill-benefiċjarji finali u l-pagament tal-kostijiet amministrattivi tal-Fond ma għandux jiġi riportat awtomatikament biex jintuża mill-Fond. B'deroga mill-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tirritorna d-dħul eċċessiv lill-Istati Membri b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom lill-Fond.

5. Il-kostijiet amministrattivi mġarrba mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Fond għandhom ikunu koperti mir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti neċessarji għall-kalkolu u għall-ġbir tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għar-riżorsi assenjati lill-Fond f'konformità ma' dan l-Artikolu, inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' rapportar rilevanti.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni tal-Fond**

1. Il-Fond għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni taħt ġestjoni diretta skont it-tifsira tal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u f'konformità mar-regoli rilevanti l-oħra adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, inkluż ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Fond, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' monitoraġġ.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar in-nefqa ffinanzjata mill-Fond. Dan ir-rapport għandu jkun fih tal-anqas diżaggregazzjoni dettaljata tal-fondi żborżati mill-Fond u tal-applikazzjonijiet għal kull Stat Membru, settur, oġġett u installazzjoni, u evalwazzjoni tal-Fond.

*Artikolu 5*

**Awtoritajiet kompetenti**

Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità kompetenti biex twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet skont dan ir-Regolament u jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel lista tal-awtoritajiet kompetenti kollha disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 6*

**Eliġibbiltà**

1. L-operatur ta' installazzjoni li tipproduċi oġġetti kif elenkati fl-Anness, liema oġġetti jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ("NM") fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, għandu jkun eliġibbli li jirċievi appoġġ finanzjarju f'konformita mal-Artikolu 9 u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7.

2. L-operatur ta' installazzjoni li tipproduċi oġġetti mhux elenkati fl-Anness, li jkollhom proporzjon baxx ta' valur għall-piż u li jkunu soġġetti għal riskju akbar li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell nazzjonali kif definit fl-att delegat adottat f'konformità mal-paragrafu 3, għandu, permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni wara talba motivata ta' Stat Membru, ikun eliġibbli li jirċievi appoġġ finanzjarju f'konformità mal-Artikolu 9 u jkun soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi indikatur li jiddetermina r-riskju akbar li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju previst fil-paragrafu 2 u lista ta' oġġetti ddeterminata abbażi ta' dak l-indikatur, il-kundizzjonijiet li l-operaturi jeħtieġ li jissodisfaw biex jirċievu appoġġ finanzjarju, minbarra dawk stabbiliti fl-Artikolu 7, u l-proċedura biex issir it-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu.

*Artikolu 7*

**Kundizzjonalità**

1. Meta operatur ikun soġġett għall-obbligu li jwettaq awditu tal-enerġija bħala awditu tal-enerġija awtonomu jew fil-qafas ta' Sistema ċertifikata ta' Ġestjoni tal-Enerġija jew ta' Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali, l-operatur għandu jirċievi appoġġ finanzjarju mill-Fond dment li l-operatur juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li tkun ġiet issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2023/1791/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21];

(b) iż-żmien tal-ħlas lura għal kwalunkwe investiment rilevanti li jifdal jaqbeż il-5 snin;

(c) il-kost tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija f'(a) ikun sproporzjonat u l-operatur juri impenn legali skont it-tifsira tal-Artikolu 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 għal investimenti li jimplimentaw miżuri oħra li jwasslu għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk rakkomandati mir-rapport tal-awditjar jew mis-Sistema ċertifikata ta' Ġestjoni tal-Enerġija għall-installazzjoni kkonċernata.

2. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), għandhom japplikaw ukoll għall-operaturi li ma humiex soġġetti għall-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija dment li l-awditu tal-enerġija tagħhom ikun konformi mal-kriterji minimi stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

3. B'mod alternattiv għall-paragrafi 1 u 2, operatur għandu jirċievi appoġġ finanzjarju mill-Fond dment li l-operatur juri impenn legali skont it-tifsira tal-Artikolu 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 magħmul għal investimenti biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi intermedji msemmija fi pjan ta' newtralità klimatika u li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont ta' appoġġ li ssir applikazzjoni għalih skont dan ir-Regolament.

[21] Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).

*Artikolu 8*

**Applikazzjonijiet għall-appoġġ, ipproċessar tal-applikazzjonijiet u valutazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-operatur ta' installazzjoni li tipproduċi oġġetti li huma eliġibbli għal appoġġ finanzjarju jista' jissottometti applikazzjoni għal tali appoġġ mill-Fond sal-31 ta' Marzu 2028. Dik l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-operatur tal-installazzjoni u tkopri s-sentejn ta' applikazzjoni tal-Fond.

2. Applikazzjoni sottomessa skont il-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata mill-elementi speċifiċi li ġejjin:

   (a) għall-operaturi kollha, rapport dwar id-data tal-produzzjoni li jikkomplementa r-rapporti verifikati tal-livell ta' attività għall-2026 u għall-2027 sottomessi skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842, li jipprovdi d-data neċessarja dwar il-produzzjoni biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà għall-appoġġ finanzjarju;

   (b) għall-operaturi li jfittxu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 7(1) jew (2):

      (i) rapport ta' verifika li jikkonferma matul il-verifika tar-rapporti annwali tal-livell ta' attività għas-snin 2026 u 2027 f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) jew (2);

      (ii) jekk applikabbli, prova dokumentarja tal-impenn legali skont it-tifsira tal-Artikolu 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 għall-investiment imsemmi fl-Artikolu 7(1), il-punt (c), u l-prova dokumentarja li l-investiment se jwassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk rakkomandati mir-rapport tal-awditjar jew mis-Sistema ċertifikata ta' Ġestjoni tal-Enerġija għall-installazzjoni kkonċernata.

   (c) għall-operaturi li jfittxu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità tal-Artikolu 7(3), it-tnejn li ġejjin:

      (i) rapport verifikat dwar in-newtralità klimatika f'konformità mal-Artikolu 3b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067[22]; jew għall-operaturi li jissottomettu pjan ta' newtralità klimatika għall-ewwel darba, pjan ta' newtralità klimatika għall-attivitajiet tagħhom koperti mid-Direttiva 2003/87/KE f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2441;

      (ii) prova dokumentarja tal-impenn legali skont it-tifsira tal-Artikolu 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842 għall-investiment imsemmi fl-Artikolu 7(3), u l-prova dokumentarja li l-

[22] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-data u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

investiment iwassal għall-kisba tal-miri u l-objettivi intermedji msemmija fl-aktar pjan ta' newtralità klimatika riċenti f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2441.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi aktar id-dettalji relatati mar-rekwiżiti proċedurali, id-dokumenti u l-prova ppreżentati bħala parti mill-proċedura ta' applikazzjoni biex wieħed ikun eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju mill-Fond, b'mod partikolari l-kontenut minimu li għandu jiġi ppreżentat bħala parti mir-rapport dwar id-data tal-produzzjoni u l-prova dokumentarja tal-impenn legali skont it-tifsira tal-Artikolu 3d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

4. Awtorità kompetenti għandha tivvaluta d-dokumentazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 2. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 ġewx issodisfati. Hija għandha tirkupra l-fondi jekk il-kundizzjonijiet ma jkunux ġew issodisfati u tressaq proċedimenti legali fejn ikun neċessarju f'dak ir-rigward.

5. Sat-30 ta' Ġunju 2028, awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni lista li tidentifika l-applikanti kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kif stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 4, l-installazzjonijiet rispettivi tagħhom u l-livell ta' appoġġ ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 9.

*Artikolu 9*

**Kalkolu tal-appoġġ mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jikkalkolaw l-ammont ta' appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lill-operaturi eliġibbli, għall-produzzjoni ta' kull wieħed mill-oġġetti elenkati fl-Anness, abbażi tal-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas eliminata gradwalment. Dak l-ammont ta' kwoti għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u jqis id-Deċiżjoni li l-Kummissjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 23(4) ta' dak ir-Regolament. Biex jinkiseb il-valur finanzjarju tal-appoġġ, l-ammont ta' kwoti bla ħlas għandu jiġi aġġustat għas-sehem tal-produzzjoni (fil-volum) tal-oġġetti elenkati fl-Anness, u jiġi mmoltiplikat bil-medja annwali tal-prezzijiet tal-għeluq tal-kwoti tal-EU ETS fuq il-pjattaforma tal-irkant komuni fl-2026 u fl-2027, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/2830.

2. L-appoġġ finanzjarju totali mogħti mill-Fond lill-benefiċjarji finali kollha ma għandux jaqbeż ir-riżorsi tal-Fond imsemmija fl-Artikolu 3(2), wara li jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi mġarrba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 3(5).

*Artikolu 10*

**Deċiżjoni ta' żborż mill-Kummissjoni**

1. Malli tirċievi l-lista msemmija fl-Artikolu 8(5), il-Kummissjoni għandha twettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) tirrieżamina l-kalkolu mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 9(1);

   (b) tivvaluta l-inklużjoni ta' kull operatur u installazzjoni fil-lista;

(c) tivvaluta l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-Artikolu 8(2);

(d) tiddetermina l-ammonti individwali ta' appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lil kull benefiċjarju finali.

2. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonali l-ammont ta' appoġġ li għandu jingħata lil kull benefiċjarju finali f'konformità mal-Artikolu 9(1) fejn ikun meħtieġ biex tikkonforma mal-Artikolu 9(2).

3. Abbażi tal-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju lill-operaturi malli jkunu disponibbli r-riżorsi tal-Fond. Dik id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. In-notifika ta' dik id-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tikkostitwixxi impenn legali individwali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tistabbilixxi l-ammont totali li għandu jiġi ttrasferit lill-Istat Membru rispettiv, il-lista tal-benefiċjarji finali tal-appoġġ finanzjarju u l-ammont għal kull riċevitur.

*Artikolu 11*

**Żborż tal-appoġġ finanzjarju**

1. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 10(3), il-Kummissjoni għandha tiżborża l-ammont totali stabbilit f'dik id-deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti. B'deroga mill-Artikolu 196(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni tista' tħallas ukoll appoġġ fir-rigward tal-investimenti u tal-produzzjonijiet anke jekk diġà jkunu tlestew.

2. Fi żmien xahar minn meta jirċievu l-finanzjament mill-Kummissjoni u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżborżaw l-appoġġ finanzjarju mogħti mill-Kummissjoni skont id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) lill-benefiċjarji finali u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni immedjatament wara li jsiru l-iżborżi.

*Artikolu 12*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri, bħala benefiċjarji ta' fondi taħt il-Fond, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-allokazzjonijiet finanzjarji jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-indirizzar tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interessi u l-irregolaritajiet l-oħra kollha li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura neċessarja għall-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball. L-Istati Membri għandhom jibbażaw fuq is-sistemi nazzjonali tagħhom ta' ġestjoni, ta' kontroll u ta' rkupru tal-baġit.

2. Id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 10(3) għandha tipprevedi l-obbligi li ġejjin fuq l-Istati Membri:

(a) li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw il-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-irregolaritajiet l-

oħra kollha li jaffettwaw l-interess finanzjarju tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u li jieħdu azzjoni legali biex jirkupraw fondi li jkunu ntefqu b'mod indebitu jew ġew miżapproprijati;

(b) li l-Istati Membri jżommu data fir-rigward tal-isem tal-benefiċjarji finali kollha tal-allokazzjonijiet finanzjarji, in-numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom u l-ammont tal-allokazzjonijiet finanzjarji mill-Fond;

(c) li jawtorizzaw b'mod espliċitu li l-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previsti fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059 u li jimponu obbligi fuq il-benefiċjarji finali kollha tal-appoġġ finanzjarju biex jawtorizzaw b'mod espliċitu lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previsti fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059 u li jimponu obbligi simili fuq il-benefiċjarji finali kollha tal-fondi żborżati;

(d) li l-Istati Membri għandhom iżommu rekords f'konformità mal-Artikolu 133 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(e) li jawtorizzaw b'mod espliċitu li l-Kummissjoni għandha d-dritt li tnaqqas l-appoġġ finanzjarju taħt il-Fond b'mod proporzjonali u tirkupra kwalunkwe ammont dovut għall-baġit tal-Unjoni, f'każijiet ta' frodi, ta' korruzzjoni, ta' kunflitt ta' interessi jew kwalunkwe irregolarità oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. Meta tkun qed tiddeċiedi fuq l-ammont tal-irkupru u tat-tnaqqis, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni, tal-kunflitt ta' interessi u ta' irregolarità oħra kkonċernata li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew ta' ksur ta' obbligu. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma jsir it-tnaqqis.

*Artikolu 13*

**Obbligi tal-benefiċjarji finali**

1. Il-benefiċjarji finali għandhom ikunu responsabbli għad-data ppreżentata minnhom skont dan ir-Regolament u jżommu rekords kompluti u akkurati tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 7 li jissostanzjaw is-sottomissjonijiet tagħhom.

2. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika r-responsabbiltajiet u l-obbligi ta' monitoraġġ tal-benefiċjarji finali, inkluż billi tispeċifika l-perjodu ta' żamma ta' data. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

3. Il-benefiċjarji finali għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni jew mal-awtorità kompetenti rilevanti meta jwettqu awditi, evalwazzjonijiet, u attivitajiet ta' monitoraġġ. Fuq talba, il-benefiċjarji finali għandhom jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni fil-ħin.

*Artikolu 14*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(6), fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 6(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin li jintemm fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP, Office des publications) *jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(6), fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 6(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(6), l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 6(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 15*

**Setgħat ta' implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

23 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ... 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ... 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ... 3
1.3. Objettiv(i) ... 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ... 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ... 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ... 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ... 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ... 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ... 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ... 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ... 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ... 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ... 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ... 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ... 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ... 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ... 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ... 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ... 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ... 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ... 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ... 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ... 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ..... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ..... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ..... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ..... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ..... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ..... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ..... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ..... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali ..... 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ..... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ..... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ..... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ..... 30
4.2. Data ..... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ..... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ..... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ..... 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Fond Temporanju għad-Dekarbonizzazzjoni

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") jistabbilixxi mira legalment vinkolanti għall-ekonomija kollha ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sa mhux aktar tard mill-2050, u mira intermedja ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

F'Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet mira ta' tnaqqis ta' 90 % tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gas) sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira proposta tqis bis-sħiħ ix-xenarju ekonomiku, tas-sigurtà u ġeopolitiku kurrenti f'konformità mal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, mal-Patt għal Industrija Nadifa u mal-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli. Hija għandha l-għan li tipprovdi l-prevedibbiltà u l-istabbiltà neċessarji għall-investimenti fit-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija nadifa u biex tiġi xprunata l-kompetittività industrijali.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku</u>

Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) jindirizza r-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għas-setturi koperti mill-mekkaniżmu. Madankollu, hemm riskju li l-produzzjoni ta' xi oġġetti jista' jkollha riskju partikolarment għoli li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni jistgħu jgħinu biex titnaqqas l-iskopertura ta' dawn l-operaturi għal tali riskji li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fit-terminu medju u fit-tul.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tappoġġa temporanjament, matul is-snin tal-produzzjoni 2026 u 2027, lill-operaturi li jipproduċu oġġetti assoċjati ma' riskju partikolarment għoli li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biex jinvestu b'mod effettiv f'miżuri ta' dekarbonizzazzjoni.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-kostijiet effettivi tal-karbonju għall-operaturi tal-ETS huma mistennija li jiżdiedu hekk kif titnaqqas l-allokazzjoni bla ħlas, b'mod partikolari għall-operaturi koperti mill-fattur tas-CBAM. Dan is-sinjal ta' żieda fil-prezzijiet għad-dekarbonizzazzjoni huwa mistenni li jippromwovi tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet ta' GHG. Madankollu, il-produzzjoni ta' xi oġġetti jista' jkollha riskju akbar li jifdal ta'

MT



MT

rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, li ma huwiex kompletament ipprevenut mis-CBAM.

L-inizjattiva proposta se tipprovdi appoġġ finanzjarju temporanju lill-operaturi li qed jiffaċċjaw riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju biex jaċċelleraw l-investimenti fil-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni. B'hekk, se tindirizza dan ir-riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Appoġġ finanzjarju għad-dekarbonizzazzjoni pprovdut lill-operaturi li qed jiffaċċjaw riskju li jifdal ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju

Dimostrazzjoni tal-implimentazzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet ta' awditu tal-enerġija

Investimenti fid-dekarbonizzazzjoni kkonfermati

**1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[28]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir, medju jew fit-tul inkluża skeda ta' żmien dettaljata għall-varar tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

